TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 187/13/GB

**Dustin u Gaetano Camilleri**

**vs**

**GO plc**

Illum 13 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Awissu, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500), stante illi s-servizz tat-'Telecare' li kienu xtraw minghand is-socjeta' ntimata kien difettuż, u li ghalhekk holoq inkonvenjent kbir u nkwiet żejjed ghar-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Il-linja tat-telefon kienet bil-hsara fis-6 ta' Gunju u ghalhekk ir-rikorrenti kienu kkuntattjaw lis-socjeta' ntimata sabiex javzawha rigwardanti n-necessita' urġenti illi s-sitwazzjoni tiġi rezulta.

Il-linja tat-telefon, pero' ġiet imsewwija fit-12 ta' Gunju fis-2:30 ta' wara nofsinhar. Tliet sieghat wara, il-linja tat-telefon regghat bil-hsara, fejn is-socjeta' ntimata ghamlet ix-xogholijiet ta' tiswija fis-17 ta' Gunju. L-istess kien gara xi sena qabel, fejn is-socjeta' ntimata kienet ghamlet ix-xogholijiet ta' tiswija biss wara li d-dipartiment tal-konsumatur kien involva ruhu.

Illi minhabba dan kollu, ir-rikorrenti qed jitolbu danni morali ghall-ugiegh, ghali, ansjeta'u nkonvenjenza li soffrew.

Ir-rikorrenti ezebew dokumentazzjoni relattiv

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx intiża sabiex tixhed f'din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrenti bhala danni morali ghall-ugiegh, ghali, ansjeta' u nkonvenjenza illi kellhom isofru minhabba s-servizz inadegwenti tas-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**